**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 43 - Ad Hoc**

Il-ĦAMIS 24 TA' MEJJU 2012 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I JUM TA' XBIEX

i Is-Sindku pproponiet programm għal Jum Ta' Xbiex. Hija nfurmat li fil-ġuranta ta' 12 ta' Ġunju 2012 issir quddies bħas-soltu w fil-*weekend* ta' wara titella' attivita' bis-sehem ta' l-Imsida Boy Scouts. Hija pproponiet li ssir serata' Soċjo-Letterarja. Il-Kunsill iddiskuta dan il-programm u qabel ukoll li wara jkun hemm bibita'.

## II BUS SHELTERS / TRAFFIC MANAGEMENT – TOROQ ABATE RIGORD U PRINĊIPESSA MARGERITA

i Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-FACES dwar l-instalazzjoni ta' bus shelters fi Triq Abate Rigord u Triq il-Prinċipessa Margerita. Hija rrapurtat ukoll li għamlet kuntatt mal-Perit G.Camilleri peress li l-Perit E.Micallef jinsab impenjat ħafna, issa li reġa' laħaq Sindku. Is-Sindku nfurmat ukoll li l-Perit lest li jgħaddi x-xogħlijiet tal-pjanti u estimi ta' dan il-proġett lil Perit il-ġdid biex ix-xogħol iftexx jiġi ffinalizzat. Is-Sindku qalet li hija diġa' tkellmet miegħu dwar it-Traffic Management u dan se jippreżenta proposta lill-Kunsill li tkun tinkludi wkoll zebra-crossing f' din iż-żona ( fi Triq Prinċipessa Margerita).

## III RAPPORT MILL-BORD TA'L-GĦAŻLA GĦAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Sindku rrapurtat li l-bord iltaqa' u nbeda l-proċess. Hija nfurmat li ssotomettew l-applikazzjoni wieħed u għoxrin persuna.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv

## IV KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku nfurmat li Ms Clarissa Schembri rriżenjat mil-kariga tagħha u għaldaqstant ipproponiet li jinbeda' l-proċess għall-impjieg ta' skrivana oħra.

ii Is-Sindku rreferiet għax-xogħliojiet ta' manutenzzjoni li qed issiru fuq il-komun tal-flats tal-Gvern, hija nfurmat li parti minn dawn ix-xogħlijiet tlestew u ġew iċċertifikati mill-Perit ta' l-Awtorita' tad-Djar. Għaldaqstant hija pproponiet li jsir l-ewwel pagament ta' €11,000 lil kuntrattur.

iii Il-Kunsill iddiskuta l-ħtieġa li ssir manutenzzjoni ta' linji ta' l-ipparkjar u traffiku fil-lokalita'. Is-Sindku qalet li dawn ma jistgħux jsiru mill-ħaddiema ta' l-IPSL waħdu. Ġiet diskussa l-possibilta' li l-ex ħaddiem ta' l-IPSL l. Aguis jgħinu f' dan ix-xogħol. Is-SE ħadet l-inkarigu li tikkuntatjah dwar dan.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-Petty Cash.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv